# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 8 ta' Mejju, 2000**

**Numru: 2**

**Citazzjoni Numru: 817/93 JF**

**Dr. Simon Micallef Stafrace bhala rapprezentant tas-socjeta' Formosa & Camilleri Ltd. u din bhala agenti Malta tas-socjeta' Assikurattrici estera Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha C.T. Enterprises Limited.**

**-vs-**

**John Ripard u Paul Ripard ghan-nom u in rapprezentanza ta' John Ripard & son Limited operaturi tal-Bonded Store privat il-Marsa.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' C.T. Enterprises Limited importat gewwa Malta fuq il-vapur "Pinto" konsenja ta' "Bathroom products".

Premess li wara li waslet din il-merkanzija f'Malta fit-18 ta' Gunju 1992 u nhattet fil-bond privat tas-socjeta' konvenuta l-assigurat tal-attur gabar il-merkanzija in kwistjoni u sab li l-merkanzija kellha danni kif spjegati fid-dokument A.

Premess li ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur nomine u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tal-hasat u danni li gew lilu kawzati u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Premess li l-attur nomine jikkwantifika l-hsarat u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' erba' mija u tnejn u sittin lira u tmenin centezmu (Lm462.80,0) inkluz f'din il-figura l-ammont ta' hamsa u hamsin lira (Lm55) imhallsa bhala survery fee.

Premess il-konvenuti nomine huma responsabbli ghal dawn id-danni.

Talab li dina l-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-hsarat kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur nomine;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur fis-somma ta' Lm462.80,0;

3. Tikkundanna lill-konvenuti nomine ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' Lm462.80,0 bhala danni sofferti mill-attur nomine li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti nomine;

4. Kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-ispejjez u nteressi legali mid-data tal-pagament indikat fis-surroga fic-cirkustanzi u minhabba l-obbligi hawn fuq premessi, kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' John Ripard & Son Limited operaturi tal-bonded store privat il-Marsa, fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-hsara msemmija fic-citazzjoni ma saritx minnha u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju, il-merkanzija giet ikkonsenjata fl-istat u kundizzjoni li nghatat lilha u kwindi s-socjeta' konvenuta fil-kwalita' premessa m'hix responsabbli ghall-allegati hsarat.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew ipprezentati u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li din hija azzjoni ta' danni naxxenti minn "Marine Cargo Claim" li originarjament kienet saret mis-socjeta' C.T. Enterprises Limited mas-socjeta' attrici, ma' liema kumpanija hija kienet assikurata. Din il-"claim" kienet relatata mal-importazzjoni ta' prodotti tal-hasil bhal "shampoo" li twasslu Malta fit-18 ta' Gunju 1992 fuq il-vapur Pinto. Id-danni gew ikkwantifikati ghall-ammont ta' Lm407.90c u maghhom gie mizjud l-ammont addizzjonali ta' Lm55.00c bhala hlas dovut ghas-"survey" kondott mis-socjeta' assiguratrici, attrici f'din il-kawza in kwantu accettat u hallset lill-assikurat importatur li min-naha tieghu issurrogaha fid-drittijiet tieghu ghal fini ta' rizarciment tal-imsemmija danni. Ghalkemm il-merkanzija <u>de quo</u> ingarret fuq bastiment tas-Sea Malta Company Limited - li mhix parti fil-kawza - responsabbli ghat-trasport kienet is-socjeta' konvenuta. Din, min-naha taghha qeghda tichad kwalsiasi responsabbilta' ghall-akkadut u danni.

Illi mill-provi m'ghandux ikun hemm dubju li effettivament meta l-merkanzija surreferita waslet ghand id-destinatarju gew riskontrati danni f'hames "pallets". Ma kien hemm ebda "short-delivery". Mill-provi jirrizulta wkoll li l-merkanzija waslet Malta ssigillata u baqghet hekk sakemm ghaddiet taht il-kontroll doppju tad-Dwana ta' Malta u tas-socjeta'

konvenuta. Illi mix-xhieda moghtija minn John Vella, li kien il-"Bond Operator" responsabbli ghas-socjeta' konvenuta jghid li ghalkemm il-merkanzija dahlet tajba u bla rimarki, fil-mument tar-rilaxx f'idejn il-burdnar tal-importatur, li ma xehedx, huwa sab zewg "pallets" danneggjati billi minnhom kien qieghed johrog jew inixxi l-likwidu detersiv. Issa l-fatt li l-burdnar iffirma li huwa rcieva - ara l-Cargo Receipt - l-merkanzija de quo bla rimarki hlief ghal dawk li jirreferu ghaz-zewg "pallets" li kienu ddanneggjati johloq presunzjoni favur it-tezi tas-socjeta' konvenuta li qeghda tikkontesta t-talba attrici.

Illi wara li gharblet sew il-provi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attur nomine irnexxielu jforni biss il-prova, fuq bazi ta' probabilita', in kwantu tolqot biss tnejn u mhux il-hames "pallets" ricevuti mid-destinatarju. Li kieku s-socjeta' attrici ghamlet xoghlha sew ma kellhiex ghalfejn taccetta u tassumi r-responsabbilta' wkoll kwantu ghall-hames 'pallets' kollha ghaliex la darba l-burdnar iffirma li meta ha f'idejh il-merkanzija biex iwassalha ghand l-importatur kien hemm biss 'leakage' f'zewg "pallets", allura l-konkluzjoni kellha necessarjament tkun li l-hsara ulterjuri - x'aktarx dovuta ghal "tilting" jew qlib - saret waqt it-tragitt fil-mument li l-burdnar impussessa ruhu mill-merkanzija sakemm wassalha ghand l-importatur, li kien inkarigah. Dan ifisser mela li l-konvenuti nomine ma kellhomx ikunu tenuti responsabbli ghat-totalita' ta' danni riskontrati in segwitu fil-mahzen tad-destinatarju imma biss ghal zewg kwinti ($^2/_5$) minn kif gie reklamat mill-attur nomine. Illi ghalhekk u stante s-suespost, il-Qorti qeghda tillikwida l-ammont ta' danni f'dan il-proprozjon, igifieri: $^2/_5$ x Lm462.80c = Lm185.12c (mija u hamsa u tmenin lira Maltin u tnax-il centezmu);

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament pero' ghas-somma ta' Lm185.12c u tikkundanna ghalhekk lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur nomine dana l-ammont per saldu in linea ta' danni bl-interessi kalkolati mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Il-kap tal-ispejjez jigi sopportat hekk: tlett kwinti ($^{3}/_{5}$) mill-attur nomine u zewg kwinti ($^{2}/_{5}$) mill-konvenuti nomine.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md